MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2003

Citazzjoni Numru. 88/1995/1

**Josephine Aquilina**

**vs.**

**James Aquilina**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti m'ghadhiex aktar possibbli minhabba sevizzi, minaccji, ingurji gravi u mohqrija da parti tal-konvenut kontra l-attrici u anke ghaliex iz-zwieg tkisser irrimedjabilment, kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi ghalhekk l-attrici ottjeniet l-awtorizzazzjoni tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili biex tipprocedi f'din l-istanza b'Digriet Numru 1203/94, tat-23 ta' Novembru 1994 (Dok. "A1");

Illi l-attrici trid illi jkollha l-kura u l-kustodja ta' bintha minuri, Mildred, ta' sittax-il sena (16), li fil-prezent diga' qieghda tghix maghha;

Illi l-istess attrici trid li l-konvenut ihallasha manteniment xieraq ghaliha, u trid ukoll li l-komunjoni ta' l-akkwisti tigi xolta u diviza bejn il-kontendenti;

Illi l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali *a mensa et thoro* bejn il-kontendenti minhabba sevizzi, minacci, ingurji gravi u mohqrija da parti tal-konvenut kontra l-attrici u anke ghaliex iz-zwieg tkisser irrimedjabilment, f'kaz li l-ewwel kawzali ma jirrizultawx;

2. Tordna illi l-kura u l-kustodja tat-tifla minuri Mildred Aquilina tigi fdata f'idejn l-attrici;

3. Tikkundanna lill-istess konvenut jissomministra lill-istess attrici dik ir-retta alimentari ghaliha li tigi ffissata minn din il-Qorti;

4. Tiddikjara x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti;

5. Tillikwida l-assi tal-komunjoni ta' l-akkwisti u tiddividiha f'zewg porzjonijiet ugwali li jigu assenjati wahda lil kull wiehed u wahda mill-kontendenti; u

6. Tiddikjara li l-konvenut iddekada mid-drittijiet tieghu, jew minn dawk minnhom li din il-Qorti jidhrilha li ghandhom jghoddu, kif provdut fl-**artikolu 51 tal-Kodici Civili (Kap. 16)** fejn dan hu applikabbli ghall-kaz;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-proceduri quddiem is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili, kontra l-konvenut, li minn issa jinsab ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 7 tal-process;

Rat in-nota tal-attrici datata 12 ta' Marzu 1996 li permezz taghha pprezentat zewg dokumenti.

Rat il-verbali tal-31 ta' Jannar 1997; tat-13 ta' Marzu 1997; tat-28 t'April 1997; tal-10 ta' Gunju 1997; tat-8 ta' Lulju 1997; tad-9 t'Ottubru 1997; tad-19 ta' Jannar 1998; tas-17 ta' Marzu 1998; ghat-2 ta' Lulju 1998; tad-29 t'Ottubru 1998; u tat-12 t'April 1999.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut tad-9 ta' Lulju 1999 a fol. 30 fejn gie eccepit:-

1. Illi fl-ewwel lok l-eccipjenti ma huwiex hati tas-separazzjoni *de facto* bejn il-partijiet u dan *stante* l-fatt li kienet l-attrici stess li rrendiet ruhha hatja ta' adulterju.

2. Illi fit-tieni lok it-tieni talba hija ezawrita u dan billi l-hekk imsejha minuri llum izzewget.

3. Illi fit-tielet lok l-imsemmija attrici ma ghandhiex bzonn alimenti billi hija stess tahdem u ghandha ntrojtu tajjeb hafna.

4. Illi ghar-rigward ir-raba' u l-hames talba dawn huma minghajr ebda bazi billi fil-komunjoni tal-akkwisti ma ghad fadal xejn x'jigi maqsum billi dan diga' ghamluh.

5. B'riserva ta' eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 30 tal-process.

Rat il-verbali tat-2 ta’ Lulju 1999 fejn il-Qorti nnominat lil Dr. Monica Borg Galea bhala Assistent Gudizzjarju biex tigbor il-provi; tal-20 ta’ Jannar 2000; tal-1 ta’ Gunju 2000; tal-11 t’Ottubru 2000; tal-24 ta’ Novembru 2000; tat-13 ta’ Gunju 2001; tad-19 ta’ Novembru 2001; tal-10 t’April 2002 fejn il-kawza giet differita biex tkompli tinstema’ minn din il-Qorti kif prezentament presjeduta mill-Onor. Imhallef Raymond C. Pace; tat-2 t’Ottubru 2002 fejn inghata digriet affidavit tal-konvenut b’terminu ta’ tletin (30) gurnata. Il-Qorti ordnat lill-Assistent Gudizzjarju biex tiffissa zewg seduti ghall-provi kollha tal-konvenut; u tas-27 ta’ Frar 2003 fejn Dr. Christine Bondin ghall-konvenut infurmat lill-Qorti li l-provi gew maghluqa, li t-tifla taghhom illum saret maggorenni, li l-manteniment inghata skond id-digriet tas-Sekond’ Awla, u li dwar komunjoni tal-akkwisti m’hemm xejn x’jinqasam ghax m’hemm xejn ta’ valur, pero’ l-attrici qed tippretendi li tigi kkumpensata ghall-karozza li ghandha *(almost scrap value),* ghall-dghajsa li kien ghamilha l-konvenut u ghal apparat tad-*diving;* u tat-8 ta’ Mejju 2003 fejn Dr. Claire Bondin ghall-konvenut irrimettiet ruhha ghall-provi. Dr. Guido Pace Spadaro ghall-attrici nforma lill-Qorti li l-klijenta tieghu tippretendi kumpens tal-oggetti mobbli li gawdihom ir-ragel *pendente lite*. Il-kawza giet differita ghall-lum 29 ta’ Mejju 2003 ghas-sentenza.

Rat is-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju, ix-xhieda hemm moghtija u d-dokumenti hemm esebiti.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi din hija kawza ta’ separazzjoni bejn il-partijiet fejn l-attrici qed isostni li din il-firda giet kawzata mill-agir tal-konvenut u ghalhekk qed titlob li tigi akkordata l-manteniment skond il-ligi u l-komunjoni tal-akkwsiti tigi xolta u diviza f’zewg porzjonijiet. Illi ntalbet il-kura u kustodja wkoll tal-minuri, pero’ jirrizulta li fil-mori tal-kawza l-istess bint il-konvenuti Mildred saret maggorenni.

Illi fl-ewwel lok din il-Qorti tinnota li ghalkemm l-kawza ilha stitwita mit-23 ta' Jannar 1995, sad-data tal-31 ta' Jannar 2000 il-partijiet kienu lanqas ressqu prova wahda, u certament dan juri nuqqas serju *da parte* tal-istess kontendenti; li din il-Qorti kif presjeduta mhux lesta li titollera, *stante* li dan huwa abbuz tal-procedura gudizzjarja, u telf tal-hin tal-Qorti u tal-amminsitrazjoni tal-istess, aktar u aktar meta tqis li minn meta tali kawza giet appuntata sakemm l-istess partijiet bdew iresqu l-provi kien hemm addirittura (14) erbatax-il differiment ghalxejn.

Illi wara dan ma jidhirx li tressqu hafna provi kif jidher mill-atti proceswali izda mill ftit li hemm jirrizulta li l-istess attrici kienet kostretta titlaq mid-dar konjugali peress li l-istess konvenut kien hati lejha ta' sevizzi, minacci, ingurji gravi u mohqrija u dan peress li kien jiggieled maghha u anke refa' jdejh fuqha. Illi jirrizulta wkoll li minhabba dan iz-zwieg tkisser irremedjabilment u fil-fatt l-partijiet ilhom separati *de facto* mad-disa' snin, fejn dik li kienet id-dar konjugali hija fil-fatt okkupata minn binthom li zzewget u baqghet tghix hemm.

Illi dwar l-allegazzjoni tal-konvenut li l-attrici kkomettiet adulterju din assolutament ma gietx ppruvata u wisq anqas sostanzjata minnu mill-provi prodotti.

Illi jirrizulta li l-konvenut jahdem mac-Civil, ezattament bhala *general hand mad-Dipartiment tax-Xogholijiet* (Sezzjoni tad-Drenagg) u fis-sena 2002 kellhu salarju baziku ta' Lm3,767 fis-sena jew Lm313,91 fix-xahar, minbarra Lm58 bhala bonus f'Gunju u Dicembru u *income* supplimentari ta' Lm52 f'Marzu u Settembru. Minbarra dan jircievi wkoll *drainage allowance* tant li fis-sena 2001 huwa rcieva *allowance* ta' Lm1,007 u fis-sena 2002 sa Gunju 2002 kien ircieva *allowance* ta' Lm736.34

Illi l-attrici ddikjarat fix-xhieda taghha tal-31 ta' Jannar 2000 li meta telqet mid-dar konjugali, li fiha llum hemm tirrisjedi binthom mizzewga hija hadet *fridge, cooker*, hwejjigha, u d-deheb li kien ta' missierha; sostniet wkoll li halliet fl-istess dar konjugali l-kamra tas-sodda u *spare*

*bedroom*, salott, sottospecchio u siggijiet, u mejda u sitt siggijiet, *television* minn tnejn li kienu xtraw, *stereo* u *video recorder* ghaliex il-*cupboards* tal-kcina gew mormija. Min-naha tal-konvenut huwa sostna li huwa ghandu *speedboat* li kien hadem huwa xi (18) tmintax-il sena ilu u vettura tal-marka “Taure” li kienet inxtrat xi tmien/disa’ snin ilu u apparat tad-*diving*.

Illi in vista tal-premess din il-Qorti tillwikwida l-komunjoni tal-akkwisti u tiddikjara li din tikkonsisti fl-oggetti fuq elenkati, u tassenja lill-attrici l-parti kbira tal-mobbli li kien ghad baqa’ fid-dar konjugali skond ix-xhieda taghha stess u dan konsistenti fis-*spare bedroom*, salott, sottospecchio, siggijiet, u dan *oltre* il-*fridge* u l-*cooker* li gia jinsabu fil-pussess taghha. Ma’ dawn l-oggetti l-attrici ghandha tircievi ghal darba wahda biss l-ammont ta’ tliet mitt lira Maltija minghad il-konvenut bhala ekwiparazzjoni ffissati *arbitro boni viri, stante* li huwa ser jigi assenjat l-karozza li jidher li gawdija kwazi dejjem esklussivament huwa, anke meta din kienet gdida. Min-naha l-ohra lill-istess konvenut jigu assenjati l-*ispeed boat*, il-karozza, l-kamra tas-sodda u l-apparat tad-*diving, stereo*, *video recorder* u *television* li gja’ jinsabu lkoll fil-pussess tieghu.

Illi rigward manteniment jidher li l-istess attrici qed tithallas l-ammont ta’ Lm50 bhala manteniment u tenut kont li l-konvenut ghandhu salarju baziku ta’ Lm3,767 fis-sena jew Lm313,91 fix-xahar, minbarra Lm58 bhala bonus f’Gunju u Dicembru u *income* supplimentari ta’ Lm52 f’Marzu u Settembru, u dan minbarra li huwa jircievi wkoll *drainage allowance* tant li fis-sena 2001 huwa rcieva *allowance* ta’ Lm1,007 u fis-sena 2002 sa Gunju 2002 kien ircieva *allowance* ta’ Lm736.34. Il-Qorti thoss li fic-cirkostanzi tal-kaz l-ammont ta’ manteniment pagabbli lill-attrici ghandu jkun ta’ Lm100 fix-xahar, liema ammont ghandu jithallas bix-xahar bil-quddiem, u jitnaqqas direttament mill-paga tal-istess konvenut mill-*employer* tieghu u jintbaghat direttament lill-attrici fir-residenza taghha 18, Sqaq San Mikiel, Zabbar.

## **III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut in kwantu l-istess huma b’xi mod inkompatibbli ma’ dak hawn deciz, u fil-waqt li **tichad it-tieni talba** *stante* li llum bint l-kontendenti hija maggorenni u mizzewga**, tilqa’ t-talbiet attrici l-ohra** biss fis-sens hawn premess b’dan illi:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali *a mensa et thoro* bejn il-kontendenti minhabba sevizzi, minacci, ingurji gravi u mohqrija da parti tal-konvenut kontra l-attrici u minhabba l-istess dan iz-zwieg tkisser irrimedjabilment,

2. Tichad din it-talba ghall-kura u l-kustodja tat-tifla Mildred Aquilina *stante* li din hija llum maggorenni.

3. Tikkundanna lill-istess konvenut jissomministra lill-istess attrici r-retta alimentari ta’ mitt lira Maltija (Lm100) fix-xahar, pagabbli kull xahar bil-quddiem, fir-residenza tal-istess attrici, b’dan li l-istess rata ta’ manteniment ghandha tinqata’ direttament mill-paga tal-istess konvenut mid-Dipartiment tat-Tezor, mill-introjtu tal-konvenut bhala *general hand* mad-Dipartiment tax-Xogholijiet (Drainage Section) u tinbaghat kif inghad lill-attrici, u ghal dan l-iskop tordna lill-attrici sabiex tinnotifika kopja legali ta’ din is-sentenza lill-*employer* tal-istess konvenut.

4. Tiddikjara x-xoljiment tal-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u dan b’effett mit-30 ta’ Novembru 1994;

5. Tillikwida l-assi tal-komunjoni ta’ l-akkwisti u tillwikwida l-komunjoni tal-akkwisti u tiddikjara li din tikkonsisti fl-oggetti iktar ‘il fuq elenkati f’din id-decizjoni, u mill-istess tassenja lill-attrici l-parti kbira tal-mobbli li kien ghad baqa’ fid-dar konjugali skond ix-xhieda taghha stess u dan konsistenti fis-*spare bedroom*, salott, sottospecchio, siggijiet, u dan *oltre* l-*fridge* u l-*cooker* li gja’ jinsabu fil-pussess taghha. Ma dawn l-oggetti l-attrici ghandha tircievi ghal darba wahda biss l-ammont ta’ tliet mitt lira Maltija (Lm300) minghand il-konvenut bhala ekwiparazzjoni ffissat minn din il-Qorti *arbitro boni viri,*

*stante* li l-konvenut ser jigi assenjat l-karozza li jidher li gawdija kwazi dejjem u  esklussivament huwa anke meta din kienet gdida. Min-naha l-ohra lill-istess konvenut qed jigi jigi assenjat l-*ispeed boat*, il-karozza, l-kamra tas-sodda u l-apparat tad-*diving*, *stereo, video recorder* u *television* li gja' jinsabu lkoll fil-pussess tieghu.

6. Tiddikjara li l-konvenut iddekada mid-drittijiet tieghu, kif provdut fl-**artikolu 48 u 51 tal-Kodici Civili (Kap**. **16)**.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-proceduri quddiem is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili, kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------